KLR 27/VII/2015

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis 5 ta' Frar 2015 fis-18.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Anthony Briffa u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATA:- il-membru Maria Portelli.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar żewġ laqgħat. Is-Sindku talab li tiġi emendata l-aġenda u l-item tal-laqgħa fil-Ministeru għal Għawdex tas-16 ta' Jannar 2015 tiġi diskussa fl-ewwel item. Il-membri ma sabux oġġezzjoni.

**1. Laqgħa fil-Ministeru għal-Għawdex tas-16 ta' Jannar 2015**

Is-Sindku ressaq dokumenti li juru kif issejħet laqgħa mill-Minsiteru għal-Għawdex għas-16 ta' Jannar 2015 fis-18.30. Dawn jinsabu annessi f'dokument A. Is-Sindku ta din l-ispeja. Fid-08.35 tal-15 ta' Jannar 2015 is-Sindku ntalab jattendi laqgħa fil-Ministeru għal-Għawdex rigward il-proġett ta' Pjazza Indipendenza. Għal din il-laqgħa kienu mistiedna jattendu wkoll il-Minisitru għal-Għawdex, in-Nutar Christian Żammit, John Cremona u Rev. Dr Joe Vella Gauci. Dakinhar fis-14.36 is-Sindku għarraf lis-Segretarjat tal-Ministeru li ma setax jattendi peress li ma setax illaħħaq minħabba x-xogħol privat tiegħu. Hu ssuġġerixxa li minfloku jattendu l-Perit u l-*Project Manager*. Is-Sindku tenna li l-ħsieb tiegħu kien li din kienet ser tkun laqgħa fuq il-proġett kif sar f'diversi drabi. Barra minn hekk il-Kunsill kien laqa' t-talba tal-Ministeru li jkollu rappreżentant fil-laqgħat li jsiru kull ġimgħa ġewwa l-Kunsill rigward l-andament tal-proġett. L-istess rappreżentant attenda biss darbtejn għal dawn il-laqgħat.

Filgħodu fis-16 ta' Jannar 2015 permezz tal-*Gozo Busines Chamber*, is-Sindku sar jaf li din il-laqgħa ser tkun pubblika u għaliha ser jattendu s-sidien tal-ħwienet. Is-Sindku ċempel lis-Segretarjat tal-Ministeru fejn wara li ġie vverifikat ma Christain Zammit u ma l-Avukat Grazio Mercieca din il-laqgħa mhix ser tkun pubblika. Wara ftit is-Sindku reġa' rċieva telefonata fejn qalulu li din kienet ser tkun pubblika. Hu talab li din il-laqgħa ssir f'data oħra biex ikun jista' jattendi pero' r-risposta li kellu kienet li minn naħħa tal-Ministeru din il-laqgħa trid issir xorta waħda. F'nofs in-nhar tas-16 ta' Jannar 2015, il-kunsilliera rċevew *email* li nfurmathom bil-laqgħa tas-18.30 u li għaliha kienu ser jattendu s-sidien tal-ħwienet. Is-Sindku tenna li din il-laqgħa saret pubblika malli hu ddikjara li ma setax jattendi għaliha.

Il-mod ta' kif ġie trattat il-Kunsill f'din il-laqgħa kien ta stmerrija. Għal din il-laqgħa attendiet media partikolari biss u ma saritx *press call*. Is-Sindku kompla li qatt ma ġara hekk u hu kundannabbli bla riserva li l-Avukat Grazzio Mercieca waqt il-laqgħa irrepeta kemm 'il darba li s-Sindku jaqa' u jqum mir-residenti u mis-sidien tal-ħwienet. Dan mhux minnu peress li l-Kunsill qed iwettaq dan il-proġett sabiex iqajjem din l-*area* fiċ-ċentru t'Għawdex.

Waqt il-laqgħa ssemma wkoll il-proġett ta' Pjazza San Ġorġ fejn il-Kunsill qabel li jerġa' jinqala u jinbidel il-madum. Il-membri tal-Kunsill ma kienux infurmati li ser jiġi wkoll diskuss dan ix-xogħol. Għall-laqgħa ġew ukoll misitiedna jattendu sidien tal-ħwienet ta' din il-pjazza. Ta' min jinnota li l-Ministru għal-Għawdex kien qal quddiem membri tal-kunsill li l-madum ta' Pjazza San Ġorġ għandu bżonn jinbidel.

Is-Sindku kompla u qal li dak li għadu kif qal qed jitlob li l-pubbliku jiġi mgħarraf bih permezz ta' stqarrija. Żied jgħid li hu dejjem kien lest li jiltaqa' ma min ikun konċernat, bħal meta saret il-laqgħa fil-Minsiteru għal-Għawdex u li għalija kienu mistiedna jattendu l-bejjiegħa tal-monti. Għal din il-laqgħa il-Kunsill ukoll kien ġie nfurmat fl-aħħar ġurnata. Kieku kien hemm rieda tajba il-laqgħa proposta mill-Ministeru għal-Għawdx kienet issir darb'oħra. Is-Sindku propona wkoll li laqgħat li jirrigwardjaw proġetti u materji tal-Kunsill isiru biss fis-sede tal-Kunsill u mhux band'oħra.

Il-kunsillier Debrincat qal li l-avukat Grazzio Mercieca għandu jiġi nfurmat b'dan. Is-Sindku qali li diġa nfurmah hu. Debrincat qal ukoll li waqt il-laqgħa nħass in-nuqqas tal-presenza tas-Sindku. Debrincat tenna li billi hu mpjegat tal-Ministeru għal Għawdex ma jistax ikun parti minn din l-istqarrija. Il-kunsillier Buttiġieġ irrifjuta wkoll li jkun parti mill-istqarrija u l-kunsillier Briffa qal li jaqbel pero' skont kif toħroġ l-istqarrija stampa.

**2. Mozzjoni f'isem il-membri**

Mozzjoni numru 8 tressqet mill-kunsillier Buttiġieġ u ssekondata mill-kunsillier Debrincat. Billi l-mozzjoni tirrigwardja s-*CCTV camera* li tinsab fi Pjazza San Franġisk u l-istess *CCTV camera* m'għadiex fid-diskrezzjoni tal-Kunsill iżda fid-diskrezzjoni tar-Reġjun t'Għawdex, is-Sindku ssuġġerixxa li dan jiżdied mal-kontenut tal-mozzjoni. Il-membri qablu u l-mozzjoni tgħid hekk:-

**Mozzjoni numru 8**

**Illum 30 ta' Jannar 2015**

**Jien hawn taħt iffirmat, Kunsillier tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex qiegħed inressaq din il-mozzjoni għax inħoss li hu xieraq, ekwu u opportun li b'effett immedjat u minnufih titneħħa s-*surveillance camera* li hemm ġo kantuniera f'post perikoluż fi Triq Vajrinġa, kantuniera ma Triq Enrico Mizzi fir-Rabat Għawdex u għalhekk bħala Kunsill qed nirrakkomanda illi titneħħa din il-*camera* minn min hu responsabbli minnha.**

**Ir-raġuni hi li tali mozzjoni hija manifestament ċara u dana peress illi l-istess *surveillance camera* hija diskriminatorja fis-sens li lanqas tippermetti lis-sidien u n-negozjanti tal-ħwienet u n-negozji jgħabbu l-merċa tagħhom u għaldaqstant qed tagħmel ħafna ħsara u danni lin-negozji u l-kummerċ tad-dintorn.**

Kif diġa spjega s-Sindku din il-*camera* taqa' f'idejn ir-Reġjun t'Għawdex. Hu qal li bħala President tar-Reġjun ordna t-tħassir ta' dawk iċ-ċitazzjonijet li mhumiex fuq *double yellow line* jew fuq il-*pedestrian crossing* u li ngħataw bejn Diċembru 2014 u Frar 2015, f'temp ta' anqas minn 10 minuti. Il-membri unanimament qablu li l-Kunsill għandu jirrakomanda lir-Reġjun t'Għawdex sabiex din il-*camera* tinqala'.

**3. *Update - ERDF 249, 'Setting up of an Integral Archaeological and Historical Trail in Victoria, Gozo.***

Il-membri qablu li bordijiet għal-dawn iż-żewġ offerti u għall-kwotazzjoni mniżżla hawn taħt ikunu kif ġej:-

i) Rif. ERDF 11/2014 - *Tender for the Supply, Installation, Testing and Commissioning of a Grid Connected Photovoltaic Systems for the proposed Heritage Trial in Victoria, Gozo.*
Evalwaturi: William Sultana, Ing. James Grima. Eng. Charlie Portelli
Segretarja: Miriam Attard
*Chairman*: Marcel Tabone

ii) Rif. ERDF/249/12/14 – T*ender for Manual archaeological excavation, investigation and related conservation services at Independence Square, Victoria, Gozo*
Evalwaturi: Perit Gordon Vella, Ing. James Grima, Eng. Charlie Portelli
Segretarja: Miriam Attard
*Chairman*: Paul Dimech

*iii) Call for quotations for the production, design and printing of a booklet – Project ERDF249*
Evalwaturi: Perit Gordon Vella, Ing. James Grima, Eng. Charlie Portelli
Segretarja: Miriam Attard
*Chairman:* Marcel Tabone

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dokumemt imħejji mill-*Project Administrator* William Sultana li juri l-pagamenti li saru u għad iridu jrisu fir-rigward ta' dan il-proġett. Dan jinsab anness f'dokument B.

Il-membri ġew mgħarrfa li s-sidien ta' *Sterling Holdings Co. Ltd.* li għandhom ħanut fi Triq Sir Adrian Dingli ressqu protest fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u li jirrigwardja x-xogħol ta' *Gatt Tarmac Ltd.*

Tressqet korrispondenza li għaliha rrisponda s-Sindku rigward il-monti. Franco Schembri mill-Kumitat tas-Swieq fil-Beraħ kiteb li l-bejjiegħa tal-monti ma ġewx offruti alternattiva fejn jarmaw. Dan mhux minnu peress li fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus* ġew riservati postijiet apposta għall-monti. L-istess bejjiegħa jużaw dan il-parkeġġ biex jarmaw fih meta fi Pjazza Indipendenza ma jkunux jistgħu jarmaw minħabba attivitajiet oħra.

Korrispondenza relatata max-xogħol ta' Pjazza Savina ntbagħtet mingħand George Larry Żammit li għandu propjeta' f'din il-pjazza. Hu qed jgħid li l-art tat-terrazin ta' quddiem il-propjeta' tiegħu hi propjeta' tiegħu ukoll. Din għad mhux irreġistrata pero' qed jaħdem mad-Dipartiemtn tal-Artijiet sabiex tiġi reġistrata kif qal ili għandu l-provi. Il-Kunsill mhux ser jikkommetti ruħu qabel id-diaprtiment tal-artijiet jibgaħt dan bil-miktub.

## 4. *Update – Playing Field*

Il-membri qablu li bord għal din l-offerta mniżżla hawn taħt ikunu kif ġej:-

Rif. 13/14. *Supply and installation of playing field equipment and safety flooring at Victoria Playing Field, Triq Taħt Putirjal, Victoria, Gozo*
Evalwaturi: Ing. Mario Galea, Ing. Joseph Azzopardi, Joseph Schembri
Segretarja: Miriam Attard
Chairman: William Sultana

Ix-xogħol fil-*playing field* inbeda wara l-ewwel tas-sena u miexi b'ritmu tajjeb. Bħala miżura ta' sigurta', fit-triq ta' maġenb il-*bus terminus* il-kuntrattur bena ħajt sabiex din it-triq ma tintużax sakemm ikun għaddej ix-xogħol. Il-membri qablu li jiġi suġġerit lill-kuntrattur jekk minflok dan il-ħajt jistax isir kanċell b'mod li tibqa' tiġi mħarsa s-sigurta' kemm tal-ħaddiema u kemm tal-*pedestrians*.

Il-membri ġew mgħarfa li l-kunsill irċieva mandat ta' inibizzjoni mingħand Gregory Formosa rigward siġra tal-palm li tinsab fil-*playing field*.

## 5. Laqgħa tal-Lokalita'

Il-membri qablu li l-laqgħa tal-lokalita' ssir nhar il-Ħamis 26 ta' Frar 2015 fis-18.30 fis-sala tal-Kunsill.

## 6. Eżerċizzju fuq l-Infiq

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet eżerċizzju fuq l-infiq li sar fl-2013 dan skont dokument Ċ anness li juri liema items fl-estimi ġew maqbuża.

6.2 Resqet ukoll korrispondenza mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali fejn inġibdet l-attenzjoni rigward l-iżbilanċ finanzjarju ta' €82,231 għas-sena 2013. Il-Kunsill intalab sabiex jippreżenta programm dettaljat lid-Dipartiment ta' kif il-Kunsill bi ħsiebu jelimina l-iżbilanc, ma jidħolx għall-aktar *commitments* ħlief dawk il-kuntratti lil-Kunsill huwa obbligat jagħmel skont il-liġi u tintbgħaħt *blanance sheet* kull xahar li turi l-qadgħa finanzjarja. Il-membri unanimanment qablu li ma l-ordni tad-Dipartiment għal-Gvern Lokali u ma jidħlux għal aktar *commitments* ħlief dawk imsemmija u ħlief il-parti li l-Kunsill għandu joħroġ fuq il-proġett tal-ERDF.

6.3 Tressqet Memo 4/2015 fejn il-Kunsilli huma obbligat jżommu Finanaical Situation Indicator (FSI) ta' mill-inqas 10% tal-allokazzjoni annwali. Meta Kunsill Lokali ma jirnexxilux jilħaq dan it-*target* huwa marbut li jaħtar Kumitat tal-Finanzi sabiex jiddeċiedi fuq l-infiq tal-Kunsill Lokali u b'hekk jirregola s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu. Il-membri unanimament qablu ma dan u d-Dipartiment għandu jiġi nfurmat li l-Kunsill diġa' għandu kumitat tal-finanzi.

## 7. Approvazzjoni tal-Kontijiet

Ġew approvati l-kontijiet ta' Jannar u Frar 2015. Dawn jinsabu f'dokument D u E annessi rispettivament.

**8. Immaniġjar tat-Traffiku – Korrispondenza**

*Transport Malta* (TM) irrifjutat it-talba għall:-

8.1 parti ta' fuq ta' Triq Wied is-Seqer li tiġi *two way*;

8.2 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem Salvu Fenech ta' 32, 'Qalb ta' Ġesu', Triq San Duminku.

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM sabiex:-

8.3 isir *double metre yellow line* in-naħħa tal-lemin tal-garaxx ta' 'Casa Don Bosco' fi Triq Dawwara;

8.4 isir *one single metre yellow line* biswit il-garage ta' 'Aphrodite' fi Triq il-Madonna tal-Ġilju;

8.5 isir *one single metre yellow line* biswit il-garaxx tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu' fi Triq Sir Arturo Mercieca;

8.6 isir *double yellow line* fil-kantuniera ta' Triq l-Arċisqof Pietru Paċe ma Triq Santa Martha.

**9. Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

9.1 id-Dipartiment għal-Gvern Lokali rigward:-

9.1.1 Memo 122/2011 – skema ta' finanzjament restawr ta' postijeit storiċi. Id-Dipartiemnt kien alloka s-somma ta' €11,500 li jkopru restawr ta' niċċeċ. Il-Kunsill ġie mgħarraf li ingħata ċans sal-aħaħr ta' Diċembru 2014 sabiex ix-xogħol ikun lest. Jekk ma jitlestix sa dan iż-żmien l-iskema tingħalaq u l-Kunsill jitlef il-*commitment* li kien sar. Is-Ssegretarju Eżekuttiv infuramt lill-membri li l-kuntrattur tar-restawr tan-niċċeċ kemm 'il darba ġie kkuntatjat sabiex ilesti l-proġett kif stipualt fil-kuntratt.

9.1.2 Memo 33/2014 fejm il-Kunsilli ġew infuramti li qabel ma Kunsill jikkommetti ruħu għal kull tip ta' ftehim, hemm obligazzjoni li l-Kunsill jinforma lid-Dipartiment u jistenna l-gwidi meħtieġa.

9.2 kumitat ta' Eko Skola fi ħdan l-iskola primarja tar-Rabat fejn il-Kunsill intalab jixtri *bins* sabiex permezz tagħhom l-istudenti jkunu jistgħu jiseparaw l-iskart. Il-membri ma qablux;

9.3 Stephen Żerafa għan-nom tal-*Historic Motorcycle Club* fejn talab assistenza sabiex fil-11 t'April 2015 jiġu riservati parkeġġi qrib Pjazza Indipendenza minħabba attivita' li qed jippjanaw. Din it-talba ma tistax tiġi milqugħa minħabba l-proġett li qed isir f'din il-pjazza.

## 10. Materji Oħra

10.1 Il-membri qablu li bordijiet għal-dawn l-offerti ikunu kif ġej:-

10.1.1 Rif. LAG/01/2014. *Provision of architectural services required for the Project – Extension of the Heritage Trail to* Pjazza San Ġorġ, Triq il-Karità, Pjazzetta Patri Akkursju Xerri, Triq l-Iskola *and* Triq l-Arċipriet Alfons Maria Hili *in Victoria, Gozo.*
Evalwaturi: Perit Gordon Vella, Ing. James Grima, Eng. Charlie Portelli
Segretarja: Miriam Attard
*Chairman*: Paul Dimech

10.1.2 Rif. LAG/02/2014. *Repaving of* Pjazza San Ġorġ, Triq il-Karità, Pjazzetta Patri Akkursju Xerri, Triq l-Iskola *and* Triq l-Arċipriet Alfons Maria Hili *in Victoria, Gozo.*
Evalwaturi: Perit Gordon Vella, Ing. James Grima, Eng. Charlie Portelli
Segretarja: Miriam Attard
*Chairman*: Paul Dimech

10.1.3 Rif. LAG/03/2014. *Provision of project management services required for the Project – Extension of the Heritage Trail to* Pjazza San Ġorġ, Triq il-Karità, Pjazzetta Patri Akkursju Xerri, Triq l-Iskola *and* Triq l-Arċipriet Alfons Maria Hili *in Victoria, Gozo.*
Evalwaturi: Perit Gordon Vella, Ing. James Grima, Eng. Charlie Portelli
Segretarja: Miriam Attard
*Chairman*: Paul Dimech.

Il-membri tal-Kunsill ġew mgħarfa li:-

10.2 l-Kunsill irċieva Mandat ta'Inibizzjoni mingħand Josesph Grima rigward ix-xogħol ta' Pjazza San Ġorġ.

10.3 l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2015 hi ta' €503,128. Din żdiedet b' €16,418 mill-allokazzjoni tas-sena li għaddiet;

10.4 €648 ġew imħallsa lill-Kunsill mid-Dipatiment għal-Gvern Lokali rigward l-iskema impjieg inklussiv li jkopru x-xhur ta' Ottuburu u Novembru 2014;

10.5 ġiet sottomessa applikazzjoni fuq proposta għall-*modular car park* fil-pakeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus* fuq il-iskema ta' proġetti kapitali;

Il-membri qablu li:-

10.6 l-offerta Rif. 9/14 – *Provision and planting of trees, shrubs and seasonal plants and for their maintenance* tingħata lill-*Spring Co. Ltd* wara li tressaq ir-rapport tal-Perit;

10.7 ssir bozza ġdida fuq arblu fi Triq Aniċi;

10.8 l-bozza li twaħħlet mad-dar 'Kerċuwa' fil-passaġġ ta' bejn Triq Kerċem u Triq Wied il-Lunzjata ssir fuq arblu;

10.9 l-membri tal-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv jipparteċipaw fl-inawgurazzjoni tal-monument f'ġieħ Dun Joe Galea f'Nichelino;

10.10 jinħareġ permess ta' *one day event* relatat mal-proġett tal-iskola St. Francis rigward *fair-trade*, sabiex issir attivita' fi Pjazza San Franġisk, nahr il-Ħamis 26 ta' Marzu 2015 filgħodu. Ser jitneħħa l-parkeġġ tan-naħħa tal-knijsa u t-traffiku jingħalaq għal-nofs siegħa bejn l-10.30 u l-11.00. L-ispejjes ser jitħallsu mill-iskola.

10.11 l-attivitajiet *Leone Goes Pop* u *RockAstra* jsiru s-Sibt 13 ta' Ġunju 2015 u l-Ġimgħa 5 ta' Ġunju 2015 rispetttivament;

10.12 jinħareġ pormess ta' *one day event* bejn it-18 u l-20 ta' Settembru 2015 biex issir *Oktoberfest* fil-grawnd tal-futbol Leli Farruġia.

Il-laqgħa spiċċat fid-21.00 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Erbgħa 18 ta' Frar 2015 fis-18.30.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv